KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 06

**It-Tnejn 28 ta' Ottubru 2024**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dale Hayman – Sindku
Len Abela Vassallo – Viċi Sindku
Anton Mifsud – Kunsillier
Simon Fenech – Kunsillier
Antoine Vella – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 06.1 Qari tal-Apoloġiji

06.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 06.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

06.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa numru 4 li kienu meqjusa moqrija.

06.2.2 Is-SE infurmat li għalkemm kienet issejħet laqgħa b'urġenza għall-Ħamis 17 ta' Ottubru, ma kienx hemm quorum u għaldaqstant il-laqgħa ma saritx.

06.2.3 Il-minuti tas-seduti ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 06.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

06.3.1 Is-Sindku informa li kienet saret laqgħa mal-Onor. Bugeja Said fejn ittieħdet tara tliet siti, eżattament Ġnien is-Sinjura fejn diġà kien hemm applikazzjoni għal dog park, Triq is-27 ta' April fejn issuġġerixxa hu u Triq Alessi li ġie ssuġġerit mill-Kunsillier Fenech. Huwa informa li mit-tliet siti ntagħżel is-sit ta' Triq Alessi minħabba li hemm fejn wieħed jimxi bil-kelb, huwa 'l bogħod mir-residenti u huwa aċċessibbli għal persuna b'*wheelchair*. Il-Kunsillier Vella ma qabilx mal-lok għaliex hemm belvedere u ssuġġerixxa li jsir wara l-*container* fejn hemm is-siġar. Wara diskussjoni kien hemm qbil li s-Sindku għandu jagħmel kuntatt magħha biex jara jistax jiġi ssuġġerit hemmhekk.

06.3.2 Is-Sindku informa li talab laqgħa mal-Onor. Miriam Dalli dwar il-problemi tad-dawl diversi li hawn fl-Imtarfa.

06.3.3 Dwar il-proġett tal-eks *barracks*, is-Sindku informa li kien reġa' ntbagħat ir-rapport dwar il-ħsara li għamel il-kuntrattur li kien qed jagħmel ir-rikostruzzjoni tat-toroq lill-IM sabiex possibbilment jagħti kumpens għall-ħsarat li għamel il-kuntrattur tiegħu. Dan wara li kien hemm qbil bejn is-Sindku preċedenti u s-CEO ukoll preċedenti ta' IM li dawn għandhom iħallsu sa €100,000 iżda sfortunatament għalkemm kienu tlestew il-kuntratti, ma kienx laħaq sar l-iffirmar tiegħu.

06.3.4 Rigward Pjazza San Oswald, is-SE kienet daħħlet applikazzjoni fuq il-Framework Agreement tal-Public Works però m'hemmx kopert kollox u għaldaqstant jista' jkun li jkun hemm bżonn li jinħarġu xi offerti separati kemm-il darba jkun hemm bżonn tal-items li kienu mniżżla fuq il-BoQ.

06.3.5 Hawnhekk, is-SE infurmat li minbarra l-proġett ta' Pjazza San Oswald, kienet daħħlet madwar 25 proġett li jiswew 'il fuq minn €400,000 f'xogħlijiet għalkemm l-allokazzjoni tal-Imtarfa kienet ta' €75,000.

06.3.6 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Anton Mifsud. Il-ħin kien is-6:20pm.

## 06.4 Riżenja tas-Segretarju Eżekuttiv mill-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

06.4.1 Is-SE infurmat li wara konsiderazzjoni ħasset li wasal il-mument li ttemm il-kariga tagħha ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali Mtarfa. Dwar dan hija kienet għaddiet kommunikazzjoni permezz ta' *email* lill-Kunsilliera kollha biex ikunu infurmati. Kopja tal-*email* hija annessa.

06.4.2 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li din id-deċiżjoni għamlitha għal żewġ raġunijiet, bl-ewwel waħda li wasslet għat-tieni raġuni, ċoè wkoll li tidħol għal sfida akbar fl-istess qasam tal-Kunsilli Lokali. Però ma kinitx tasal tikkunsidra din it-tieni raġuni li kieku ma kienx hemm l-ewwel raġuni, dik li mhux qed titħalla twettaq dmirijietha kif titlob il-liġi. Minkejja li bħala Segretarju Eżekuttiv hija l-Kap Amministrattiv, Eżekuttiv u Finanzjarju tal-Kunsill, kienu ripetutament qed isiru arranġamenti minn wara daharha biex isiru ċertu xogħlijiet mal-ħaddiema u l-kuntratturi, xi ħaġa li tmur kontra l-liġi. Hija tenniet ukoll li min-naħa tas-Sindku f'Lulju li għadda kien għamel rapport mal-President tal-AKL kif ukoll mad-Direttur Ġenerali (DĠ) tad-DGL dwar diversi punti. Saret laqgħa fl-uffiċċju tad-DĠ fejn abbażi ta' kull rapport li għamel dawk kollha preżenti, inkluż il-President tal-AKL li kien f'kuntatt telefoniku, ma tawhx raġuni fuqhom, filwaqt li ġibdulu l-attenzjoni li qed imur oltre mir-rwol tiegħu ta' Sindku.

06.4.3 Hija tenniet li Kunsill Lokali ma jistax jimxi 'l quddiem jekk ma jkunx hemm sintonija bejn is-Sindku u s-SE.

06.4.4 Barra minn dan, ġibdet l-attenzjoni lis-Sindku dwar għajdut li qed jiċċirkola mal-lokalità u li allegatament beda mingħand xi ħadd viċin ħafna tiegħu, li hi kellha tirriżenja għaliex is-Sindku kien tellagħha l-Qorti darbtejn u li rebaħ xi każ kontrieha. Hija ġibdet l-attenzjoni li malafama ta' uffiċjal pubbliku hija punibbli bil-Qorti u għaldaqstant talbitu jgħid lil din il-persuna biex tieqaf ixxerred gideb simili. Hawnhekk huwa ammetta pubblikament li ma kien hemm ebda każ u li dan l-għajdut ma kienx minnu.

## 06.5 Ħatra ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv

06.5.1 Is-Sindku informa li kien qed jitlob l-approvazzjoni tas-Sur Shawn Tanti, SE tal-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli biex jagħmel xogħol ta' Aġent SE.

06.5.2 Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-ħatra tkun ta' Deputat SE għaliex Aġent jista' jiġi maħtur biss mid-Direttur Ġenerali.

06.5.3 Il-Kunsill għaldaqstant approva l-ħatra tas-Sur Shawn Tanti bħala Deputat SE sakemm jinstab SE ġdid.

## 06.6 Firmatarji tas-Segretarju Eżekuttiv

06.6.1 Is-Sindku propona li fl-assenza tas-SE mill-uffiċċju sal-aħħar ġurnata tagħha, għandu jiffirma d-Deputat SE. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li legalment dan mhux possibbli għaliex id-Deputat SE jista' juża l-kapaċità tiegħu bħala Deputat u jiffirma biss meta s-SE tiddikjara ruħha indisponibbli għal numru ta' ġranet konsekuttivi (bħal safar jew mard fit-tul) u mhux sempliċiment għal ftit sigħat jew ġurnata jew tnejn.

## 06.7 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għal Kull Kwart (Ġunju – Settembru 2024)

06.7.1 Is-SE infurmat li kien hemm l-*accountant* tal-Kunsill fuq il-linja sabiex tagħti l-ispjega tas-soltu dwar ir-Rapport Finanzjarju.

06.7.2 Hawnhekk l-*accountant* infurmat li l-Kunsill kien spiċċa t-tielet perjodu tas-sena b'*surplus* pero' l-flus huma kollha li ngħataw min-naħa ta' Project Green għall-proġett tal-ex-Barracks. Hawnhekk ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill fadallu jdaħħal xi fondi preferibbilment sal-aħħar tas-sena u li kienu għadhom pendenti, bħalma huma ammont ta' €37,500 għall-ko-finanzjament tal-proġett tat-torri; *grant* ta' €24,611 mwiegħda mid-DPF dwar Ġnien is-Sinjura; ammont ta' €14,554 min-naħa tal-*Public Works* fir-rigward tal-kuntratt iffirmat dwar xogħlijiet ta' M&E's u €11,581 għal xogħol ta' ELV's kif ukoll ammont żgħir mingħand il-*JobsPlus*.

06.7.3 Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li probabbilment l-ammont tal-Jobsplus kien diġà tħallas filwaqt li kienet għaddejja b'kommunikazzjonijiet biex sal-aħħar tas-sena l-Kunsill ikun irċieva l-ammont tal-ko-finanzjament mid-DLG u l-kumplament tal-flus mingħand il-PWD. Fir-rigward tal-flus imwegħda mid-DPF, dawn kienu infurmaw li qed jitrasferixxu l-flus mal-ammont li hemm fil-fond tal-Kunsill.

## 06.8 Approvazzjoni tar-Rapport dwar l-intervista għal Skrivan/a

06.8.1 Is-SE infurmat li kienet saret intervista waħda wara li kien hemm applikazzjoni interna. Is-sottokumitat kien irrakkomanda li l-applikanta kienet tikkwalifika għal din il-pożizzjoni ta' Skrivana fuq Skala 15.

06.8.2 Il-Kunsill qabel li s-SE għandha tinforma lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali biex japprova din il-promozzjoni interna.

## 06.9 Palma f'Binja Qlejgħa

06.9.1 Is-Sindku wassal talba biex tinżabar palma li tinsab fil-bitħa ta' Binja Qlejgħa. Il-Kunsilliera ġibdu l-attenzjoni li din il-palma kienet tinsab fil-privat u għaldaqstant kien hemm qbil li s-Sindku għandu jinforma lill-amministratur biex tieħu ħsieb hi.

## 06.10 *Floodlight* f'Binja Msieraħ

06.10.1 Is-Sindku informa li kienet inġagħbet kwotazzjoni għal floodlight ġdida għal fuq Binja Msieraħ fejn il-kuntrattur qed jinforma li se tiswa 'l fuq minn €800. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jipprova jġib kwotazzjonijiet oħra.

06.10.2 Hawnhekk, is-Sindku semma' wkoll li hemm problema f'Binja F għaliex m'hemmx ebda bozza u għaldaqstant hemm dlam ċappa. Kien hemm qbil li ladarba l-użu ta' din il-bozza huwa għal dawk ir-residenti biss, u l-kuridur ma jitqiesx bħala *right of way* bħall-kumplament, din għandha titqies bħala żona privata. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jkun hu li jagħmel tajjeb biex tinxtegħel din iż-żona.

## 06.11 Parkeġġi għal *un/loading*

06.11.1 Is-Sindku informa li kien hemm problema bil-*coaches* li qed jipparkjaw fil-pjazza. Kien hemm qbil li l-pulizija se tintalab biex tinforza lis-sewwieqa biex imorru jipparkjaw fi Triq Alessi.

06.11.2 Fuq talba tas-Sindku, ma kienx hemm oġġezzjoni biex issir rikjesta għall-approvazzjoni mingħand TM għal parkeġġ  għall-muturi fi Triq il-Konti Salv Manduca.

06.11.3 Fuq talba tas-Sindku kien hemm qbil li l-Kunsill għandu japplika ma' TM għall-immarkar ta' *un/loading bay* fil-bitħa li hemm taħt il-Kunsill, eżattament bejn iż-żewġ ħwienet li jagħtu għall-parkeġġ.

06.11.4 Is-Sindku informa li kienet inġibditlu l-attenzjoni li hemm xi residenti li qed ikollhom problema bil-parkeġġi minħabba li uħud mill-vetturi jiskorru l-kobor tal-kobor ta' bejn garaxx u ieħor u għaldaqstant ikun hemm min ikollu diffikultà biex jidħol jew joħroġ fil-garaxx. Huwa għaldaqstant issuġġerixxa li jsiru kaxxi tal-parkeġġi. Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li normalment TM ma tapprovax l-immarkar ta' parkeġġi. Kien hemm qbil għaldaqstant li tintbagħat ittra lil TM fejn tiġi spjegata l-problema ta' Triq Sir Philip Pullicino u jintalbu jagħtu parir dwar x'jista' jsir.

## 06.12 Ġnien is-27 ta' April

06.12.1 Is-Sindku informa li kien iltaqa' ma' persuna li kien għamel proposta lill-Kunsill biex jieħu ħsieb li jsebbaħ il-ġnien ta' Triq is-27 ta' April imma bil-patt u l-kundizzjoni li jkun jista' jagħmel gazebo u jingħata d-dritta li jorganizza l-festini.  Il-Kunsill ma qabilx.

06.12.2 Hawnhekk is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-istess persuni kienu rrakkomandawlu biex il-VC jibda jiġi mmexxi mis-settur privat. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jikkunsidra li jippubblika *expression of interest* biex jara x'possibbiltajiet kien hemm biex dan il-post jiġi  mmassimizzat l-użu tiegħu filwaqt li l-Kunsill jibqa' jżomm mal-kriterji tal-applikazzjoni.

## 06.13 Tneħħija ta' affarijiet minn fuq l-inventarju

06.11.1 Is-SE infurmat li kien hemm numru ta' affarijiet fuq il-lista tal-inventarju li huma antiki ħafna u li qatt ma sabet tarf fejn qegħdin għaliex kienu tas-snin qabel ma daħlet taħdem il-Kunsill Lokali. Minħabba li dawn kienu qed jiġbdulha l-attenzjoni dwarhom l-awdituri, talbet lill-Kunsill biex jitneħħew minn fuq l-inventarju sabiex ma jkunx hemm aktar mistoqsijiet dwarhom.

06.11.2 Il-Kunsill approva.  Il-lista hija annessa.

06.11.3 Hawnhekk il-Kunsillier Fenech informa li huwa kellu 4 heaters antiki li seta' jsellef lill-Kunsill Lokali sabiex jintużaw fix-xelter waqt xi attività.

## 06.14 Punti Oħra

06.14.1 Is-Sindku wera l-proposta biex tiġi sottomessa għal Vjal Kulħadd li tikkonsisti f'kostruzzjoni ta' ġiebja taħt il-parkeġġi li hemm preżentament fil-pjazzetta ta' Triq Tommy Agius Ferrante u kreazzjoni ta' ġnien minflok il-pjazzetta. Il-Kunsill kollu qabel mal-proposta u li għandu jiddaħħal dan il-proġett. Id-data tal-għeluq tas-sottomissjoni hija l-Erbgħa 30 ta' Ottubru 2024. Sadanittant, is-Sindku ġibed l-attenzjoni li kemm-il darba dan il-proġett ikun approvat, il-Kunsill irid jagħmel konsultazzjoni mal-pubbliku. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan u għaldaqstant is-SE se tieħu ħsieb iddaħħal id-dokumentazzjoni neċessarja.

06.14.2 Hawnhekk is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni oħra mingħand il-Kappillan dwar il-pjazza. Kien hemm qbil li għal darb'oħra għandu jiġi infurmat li huwa għandu jagħmel kommunikazzjoni mal-PWD.

06.14.3 Il-Viċi Sindku semma' li hemm numru ta' posters li qed jitwaħħlu mal-arbli u mbagħad jibqgħu hemm għaliex min iwaħħalhom xorta ma jaqlagħhomx. Fuq suġġeriment tiegħu kien hemm qbil li jsiru 3 noticeboards żgħar biex wieħed ikun jista' jwaħħal magħhom. Is-SE talbet li jiġu identifikati s-siti fejn jixtiequ li jitwaħħlu.

06.14.4 Il-Viċi Sindku semma' wkoll li hemm parkeġġ viċin tal-kantuniera, faċċata tal-BCRS fi Triq l-Imtarfa li qed joħloq inkonvenjenza għaliex min jitla' minn fuq Triq l-Istazzjon mhux jara min ġej fuqu u barra minn hekk f'dak il-punt il-vetturi li ġejjin minn ħdejn il-bandli qed jiġu b'veloċità qawwija. Wara diskussjoni kien hemm qbil li din il-problema għandha tissemma' mal-esperti li se jieħdu ħsieb l-istudju dwar l-immaniġġjar tat-traffiku.

06.14.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill li minn 10 familji kienu biss 4 li taw *feedback* dwar jekk jixtiequx is-*sleeping policeman* ta' Triq Sir David Bruce. Minħabba li r-risposti kienu kollha differenti kien hemm qbil li dawn għandhom ukoll jiddaħħlu fl-istudju tal-immaniġġjar tat-traffiku.

06.14.3 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-*air-conditioner* tal-*back office* kien qed jagħti l-problemi u jidher li kellu bżonn li tinbidel il-*motherboard*. L-ispiża kienet ta' €270 b'garanzija għal 3 xhur. Biex jinxtara wieħed ġdid, l-irħas prezz kien ta' €880 b'garanzija ta' 7 snin. Kien hemm qbil li l-amministrazzjoni għandha tara kemm ilu li nxtara u jekk għadux taħt il-garanzija.

06.14.4 Is-SE infurmat li kienu nġabu xi kwotazzjonijiet għal CCTV Cameras fejn l-irħas kwotazzjoni kienet għal €4343.96 għal 4 cameras. Kien hemm qbil li għalissa għandhom jitħallew dawk li hemm bħalissa.

06.14.5 Hawnhekk il-Kunsillier Fenech semma' li d-dar antika li hemm viċin tal-bandli kienet qed tiġi restawrata u kien beħsiebhom li jerġgħu jagħmlu l-bar li kien miftuħ fi żmien l-Ingliżi mill-ġdid. Huwa ssuġġerixxa biex possibbilment il-Kunsill iżommhom f'moħħu għal meta ssir pubbliċità tal-VC.

06.14.6 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li kienu għadhom kif skadew it-tlett sigħat tal-laqgħa. Kien hemm qbil li l-laqgħa tkompli għal ftit tal-ħin ieħor sabiex tiġi eżawrita l-aġenda.

06.14.7 Is-SE infurmat li għalkemm kien sar avviż għal-laqgħa pubblika li kellha tibda eżatt qabel il-laqgħa, ma kien hemm ebda attendenza għaliha.

## 06.15 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

06.15.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 04/2024), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Mifsud propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Fenech issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 06.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

06.16.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9:30pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru 2024.

*Nota: Dawn il-minuti ġew preparati mis-Segretarju Eżekuttiv Josette Micallef, preżenti għal din il-laqgħa (Nru. 6), u mgħoddija lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Shawn Tanti għall-approvazzjoni waqt il-laqgħa Nru 7.*

**IFFIRMATA**
Dale Hayman
Sindku

**IFFIRMATA**
Shawn Tanti
Aġent Segretarju Eżekuttiv